# Nikbru bis-Sħiħ f'dan il-Għid

be KIDS — L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA — 2026



Ġesù qam mill-mewt! Hu qam tassew! HALLELUJAH!

L-Għid huwa żmien ta' ċelebrazzjoni kbira. Dak li kien impossibli, seħħ. Kristu qam mill-mewt. Huwa żmien li niċċelebraw il-ħajja. Huwa żmien, li meta nkunu għaddejjin minn żmien diffiċli, ifakkarna li d-dlam jgħaddi u għad jerġa' jfeġġ id-dawl u l-ferħ.

Ejjew inħallu lil qalbna timtela bil-ferħ, bit-tama u bil-ħajja f'dan iż-żmien sabiħ!

**It-tim ta' Pastorali Tfal**



## L-Għid il-Kbir

*"Qam mill-imwiet."*

**Qari: Ġwanni 20:1-9 / Luqa 24:1-12**

Din il-ġimgħa nagħmlu l-blandun.

***Tista' ssib kif tagħmel il-blandun hawnhekk:***

## It-Tieni Ħadd tal-Għid

**Il-Ħadd tal-Ħniena Divina**

**Qari: Ġwanni 20:19-31**

*"Is-sliem għalikom."*



**Irranġa l-ittri biex tifforma l-kelma t-tajba.**

*Itlob din it-talba fil-jiem li ġejjin.*

*Ruħ ta' Kristu __________ (adsdiqni).*
*Ġisem ta' __________ (iKsrut), salvani.*
*Demm ta' Kristu, __________ (isiqin).*
*Ilma tal-kustat ta' Kristu, __________ (aiħilns).*
*Passjoni ta' Kristu, __________ (ababinrs).*
*O Ġesù __________ (abejjtw), ismagħni.*
*Fil-__________ (agijp) tiegħek, aħbini.*
*Tħallini qatt __________ (defininr) minnek.*
*Mill-għadu __________ (aħinż) ħarisni.*
*Fis-siegħa ta' __________ (eimtw) sejjaħli.*
*Ġewwa __________ (adeħkn) ilqagħni, biex*
*mal-__________ (adidinqs) tiegħek infaħħrek*
*għal dejjem ta' dejjem. __________ (Amenm).*

## Is-Seba' Ħadd tal-Għid



**Tlugħ il-Mulej fis-sema**

**Qari: Mattew 28:16-20**

*"Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha."*

It-talba tal-Missierna nafuha. Din hija talba li l-Insara madwar id-dinja jgħiduha wkoll, għax Alla huwa Missier tagħna lkoll.

Din hija l-ewwel parti tat-talba, f'lingwi differenti:

Baba Yetu uliye mbinguni, Jina lako litukuzwe; (Swahili)

Notre Père qui es aux cieux, Que ton Nom soit sanctifié (Franċiż)

אָבִינוּ שֶׁבַּשָּׁמַיִם יִתְקַדֵּשׁ שְׁמֶךָ: (Ebrajk)

***Pinġi l-bandiera tal-pajjiżi fejn jintużaw dawn il-lingwi u itlob għalihom.***

## Għid il-Ħamsin



**Qari: Ġwanni 20:19-23**

*"Ħudu l-Ispirtu s-Santu."*

**Fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni, nirċievu rigali mill-Ispirtu s-Santu.**

*Qabbel id-doni mas-sentenza li tiddeskrivihom.*

- Għerf
- Fehma
- Kunsill / Għaqal
- Qawwa
- Xjenza
- Pjetà
- Biża' ta' Alla

- L-Ispirtu s-Santu jgħinni nagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin anke meta dan ikun diffiċli.
- L-Ispirtu s-Santu jagħtini l-kuraġġ biex inkun Nisrani/ja tajjeb/tajba u nimxi fuq il-passi ta' Ġesù.
- L-Ispirtu s-Santu jgħinni nitgħallem aktar dwar Alla, sabiex inkun nista' nkabbar ir-relazzjoni tiegħi miegħu.
- L-Ispirtu s-Santu jgħinni nħobb aktar lil Alla u b'hekk nadurah u nqimu aktar u nħobb u ngħin aktar lil ħaddiehor. Insir strument f'idejn Alla.
- L-Ispirtu s-Santu jgħinni nifhem dak li Alla jrid jgħidli. Nagħraf aktar dak li Alla għallimni permezz ta' Ġesù, il-Bibbja u l-Knisja.
- L-Ispirtu s-Santu jgħinni nagħraf dak li hu tajjeb, dak li Alla jrid minni.
- L-Ispirtu s-Santu jgħinni biex nevita dak kollu li Alla ma jridx. Dan id-don jgħinni wkoll biex nafda f'Alla u napprezza s-sabiħ tal-ħajja.

## It-Tielet Ħadd tal-Għid

**Qari: Luqa 24:13-35** *"Hu baqa' miexi magħhom."*

Qatt smajtu l-poeżija *"Footprints in the sand"*? Kitbitha Mary Stevenson. Hawnhekk qegħda bil-Malti.

***Wara li taqraha, irrakonta din l-istorja lil xi ħadd ieħor.***



"F'lejla minnhom ħlomt ħolma.
Waqt li kont miexja matul ix-xtajta mal-Mulej tiegħi.
Mas-sema skur leħħu xeni minn ħajti.
Għal kull xena, intbaħt li kien hemm żewġ tipi ta' passi fir-ramel,
Waħda li hi tiegħi u l-oħra tal-Mulej tiegħi.
Wara li l-aħħar xena ta' ħajti leħħet quddiem għajnejja,
Jien ħarist lura lejn il-passi fir-ramel.
Intbaħt li f'ħafna minnhom, matul il-mogħdija ta' ħajti,
Iżjed fl-aktar iebsa u fl-aktar waqtiet ta' qsim il-qalb,
kien hemm biss sett wieħed ta' passi. Dan tassew inkwetani.
Għalhekk staqsejt lill-Mulej dwaru.
"Mulej, int għedt li ġaladarba ddeċidejt li nimxi warajk,
int kont se timxi miegħi tul it-triq.
Imma jien intbaħt li matul l-aktar waqtiet ta' wġiegħ u ta' inkwiet ta' ħajti,
kien hemm biss sett wieħed ta' passi.
Ma nifhimx l-għaliex, meta l-aktar li kelli bżonnok, int ħallejtni."
Il-Mulej weġibni bil-ħlewwa:
"Binti l-aktar għażiża, inħobbok u qatt mhu ħa nħallik.
Qatt u qatt matul l-inkwiet u l-provi.
Meta rajt sett wieħed biss ta' passi,
kien f'dak il-waqt li jien erfajtek."

***Il-messaġġ tal-poeżija huwa ċar: fil-problemi u diffikultajiet, huwa l-Mulej li jġorrna f'dirgħajh. Ma jħallina qatt waħedna!***

## Il-Ħames Ħadd tal-Għid



**Qari: Ġwanni 14:1-12**

*"Jien hu t-triq, il-verità u l-ħajja."*

***Tgħallem din it-talba u għidha b'mod regolari.***

Int, it-triq li twassalna għand il-Missier: **Mulej, ħniena.**
Int, il-verità li tmexxina lejn il-ġid: **Kristu ħniena.**
Int, il-ħajja li biha ngħixu fik: **Mulej, ħniena.**

***Agħti eżempji ta' dak li:***

| Iwasslek għand Ġesù: | Ibegħdek minn Ġesù: |
|---|---|
| ☐ ______________ | ☐ ______________ |
| ☐ ______________ | ☐ ______________ |
| ☐ ______________ | ☐ ______________ |

## Ir-Raba' Ħadd tal-Għid

**Jum il-Vokazzjonijiet**

**Qari: Ġwanni 10:1-10**

*"In-nagħaġ jimxu warajh għax jisimgħu leħnu."*



***Tista' tgħin lin-nagħġa ssib it-triq biex tasal lura għand ir-ragħaj?***





## Is-Sitt Ħadd tal-Għid

**Qari: Ġwanni 14:15-21**

*"Ma nħallikomx iltiema."*



***Imla l-vojt biex tifforma sentenza li smajna fl-Evanġelju tal-lum.***

*"Jekk __________, ħarsu l-__________ tiegħi. U jiena nitlob lill-__________, u hu jagħtikom __________ ieħor biex jibqa' magħkom għal __________."*

*dejjem Difensur kmandamenti Missier tħobbuni*

*Għal aktar riżorsi dwar l-Għid, skenja dan il-QR code.*